**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 10 ta' Novembru 2017

Rikors Numru 46/2017 GM

Paul Bonnici u Gemma Bonnici

-vs-

Tania Borg u Stephen Borg

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Paul Bonnici u Gemma Bonnici ippreżentat fis-16 ta' Frar 2017 li jaqra hekk:

"Tghid ghaliex m'ghandkomx tkunu ikkundannati li fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, tirritorna lura l-karozza tal-marka Peugeout 3008, bin-numru ta' registrazzjoni ALE-307 proprjeta tar-rikorrenti li tinsab f'idejk minghajr titlolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra intrpellatorja tad-9 ta' Frar 2017 kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetnza l-valur tal-oggett ma jaqbisx l-erbatax il-elf ewro (€14,000)."

Rat li l-intimati gew notifikati fl-4 ta' Mejju 2017 bil-procedura tal-affissjoni u fit-23 ta' Mejju 2017 bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat li, fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2017, ir-rikorrenti ppreżentaw Kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati, li bih riedu jipprovaw bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħhom fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż, liema Kapitoli gew approvati minn din il-Qorti;

Rat li l-kawża ġiet imhollija ghall-udjenza tallum ghas-subizzjoni tal-intimati;

Rat li, minkejja dan, l-intimati baqgħu ma dehrux biex jiċħdu l-mistoqsija maghmula lilhom in subizzjoni.

Tqis ghalhekk dan il-Kapitolu bhala moqri u mistqarr.

Ghaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba kif dedota fir-rikors promotur tikkundanna lill-intimati jirritornaw fi zmien tletin jum il-karozza tal-marka Peugeout 3008 bin-numru tar-registrazzjoni ALE-307 proprjeta` tar-rikorrenti bl-ispejjez inkluz tal-ittra interprellatorja tad-9 ta' Frar 2017 kontra l-intimati.

Magistrat Dott. Grazio Mercieca LL.D.